19 ta' Ġunju, 1950

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pr*.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Giuseppa Bonello et.** *versus* **Emmanuele Attard**

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Sentenza — Appell — Kontumaċja ta' l-Intimat — Art. 31 tal-Kap. 109.**

*Id-deċiżjoni tal-Board tal-Kera li tordna l-iżgumbrament ta' l-intimat fil-kontumaċja tiegħu, għax ma jkunx deher meta ġie msejjaħ ... rikors għat-trattazzjoni quddiem dak il-Board, ma tiddeċidi ... punt ta' liġi; u għalhekk dik is-sentenza mhix appellabili.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors quddiem il-Board li jirregola ... Kera, ta' Giuseppa Bonello u oħrajn, li wara li qalu li ... jikru lil Emmanuele Attard, bi £3 fis-sena, il-fond nru. ... Għajndwieli Road, Alley, Cospicua, liema kera jitħallas ... xahar, u għandu mħallas sal-31 ta' Mejju 1945, u li l-imsemmi Attard huwa moruż fil-ħlas tal-kera u mhux puntwali fil-... tal-kera skond il-liġi, barra milli għamel ħafna ħsara fil-... talbu biex jerġgħu jieħdu taħt idejhom dak il-fond;

Rat is-sentenza mogħtija minn dak il-Board fis-1... April 1950, li biha ġiet milqugħa t-talba u mogħti lill-int... xahar żmien biex jiżgombra, wara li l-istess intimat ġie ...

jah u ma deherx, u wara li l-Board ra l-art. 31 ta' l-Ordinanza XXI ta' l-1931 (Kap. 109);

Rat ir-rikors ta' l-intimat Attard quddiem din il-Qorti, fejn talab li dik is-sentenza tiġi revokata, billi tiġi miċħuda t-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat fuq l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità;

Illi biex deċiżjoni tal-Board li jirregola l-Kera tkun appellabili, hemm bżonn li b'dik id-deċiżjoni jkun ġie maqtugħ pont ta' liġi (art. 25, Kap. 109 ta' l-Edizzjoni Riveduta). Bissentenza appellata ġie biss konstatat li l-intimat, għalkemm imsejjaħ għal tliet darbiet, ma deherx, u għalhekk ġiet applikata d-dispożizzjoni tal-liġi stabbilita għal każ simili. L-appellant fir-rikors tiegħu quddiem din il-Qorti jammetti li huwa ma deherx; iżda jallega li qabbad lil ħadd ieħor biex imur għand l-avukat ta' l-appellati u jagħtih il-kera. Dana l-fatt mhux biżżejjed biex jirrendi appellabili dik is-sentenza, billi jonqos fiha d-definizzjoni ta' kwalunkwe pont ta' dritt li bissaħħa tiegħu biss tista' ssir appellabili;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità, u tiddikjara irritu u null l-appell kontra l-imsemmija sentenza mogħtija mill-Board li jirregola l-Kera fis-17 ta' April 1950; bl-ispejjeż kontra l-appellant Emmanuele Attard.

---